MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1918/1999/1

**Saviour Brigniano**

**vs**

**Anna Brigniano**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Awissu 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu b'mod civili fit-23 ta' Frar 1985 skond l-anness certifikat Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-konvenuta huwa vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, gew b' anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innfisu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' Frar 1985 huwa invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* tal-**Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligjiet ta' Malta)** kif sussegwentement emendat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Anna Briganiano datata 27 ta' Mejju 2000, fejn eccipiet:-

1. Illi l-eccipjenti tichad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet nfondati u malafamanti li l-attur ghogbu jelenka fil-korp tac-citazzjoni tieghu fil-konfront taghha u tassigura lill-Qorti li l-kunsens taghha kien inghata liberament u b' gudizzju tajjeb tal-hajja mizzewga u fuq id-drittjiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg. Tassigura wkoll lill-Qorti li hija qatt ma batiet minn xi anomalija psikologika serja li seghet vvizzjat il-kunsens taghha;

2. Illi l-attur qieghed jipprova jhassar it-tieni zwieg tieghu wara li kien ottjena l-annullament tal-ewwel zwieg tieghu ma' mara ohra civilment anke jekk ma kienx rnexxielu permezz ta' proceduri eklesjastici;

3. Illi l-eccipjenti tichad kategorikament li hija akkwistat il-kunsens tal-attur bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi l-eccipjenti tichad kategorikament li hija ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

5. Illi l-attur ilu jghix ma’ mara ohra u issa rega’ deciz li jerga’ jizzewweg ghat-tielet darba infila;

6. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta, a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Mejju 2000, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo nnominat lil Dr. Deborah Attard biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Mejju 2001, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Deborah Attard biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Deborah Mifsud Attard minn fol. 27 sa fol. 71 tal-process.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 12 ta’ April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment preseduta ghad-9 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti giet infurmata li Dr. Deborah Mifsud Attard kienet ser tipprezenta r-rapport taghha fl-istess gurnata.

Rat il-verbali datati 21 ta’ Novembru 2002, 13 ta’ Frar 2003 u 25 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Novembru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Mifsud Attard halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Deborah Mifsud Attard minn fol. 80 sa fol. 127 tal-process.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Jannar 2004, fejn Dr. Ilona Debono ghall-attur talbet li taghmel nota ta’ kritika. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta’ 60 gurnata ghal dan l-iskop bl-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ Kritika tal-attur Saviour Brigniano datata 12 ta’ Marzu 2004, minn fol. 129 sa 138 tal-process.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI .

Illi l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu peress li huwa qal li l-kunsens tieghu kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f)** li jipprovdi li zwieg ikun null:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”*.

Illi ma hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta fformula dan il-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cjoe’ meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. Infatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta’ Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*“At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit”.*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe’ meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista’ tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano*** (**Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**):-

*“In generale si parla di <u>exclusio totale</u> e di <u>exclusio partiale</u>. La prima sarebbe la esclusione della “totalita” matrimoniale, cioe’ del <u>matrimonium ipsum,</u> mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo “parzialmente”, vale a dire ad <u>essentiale matrimonii aliquod elementum</u> e ad <u>essentialem aliquam propprietatem.</u> Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita’ del matrimonio, non c’e’ nessuna differenza, giacche’ il matrimonio in ambedue I casi e’ sempre invalido.”* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta` tieghu nterna. Per ezempju, meta wiehed *“in no way consents to marriage”*. (***Bejan*** 29 ta’ Lulju 1970) jew *“when he positively does not intend to give his consent while he can.”* (***Abbo*** 8 ta’ Frar 1968) jew meta wiehed *“does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act”.* (***Pausilla*** 18 ta’ Dicembru 1980).

Illi d-decizjonijiet rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista` jsehh ukoll *“when a person excludes either marriage itself or his or her spouse.”* (***Mercieca*** 15 ta’ Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta’ April 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta’ dan huwa meta bniedem jizzewweg *“for his own purposes which are different from marriage.”* (***Rogers*** 11 ta’ Novembru 1993).

Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoncidux ma` dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lil ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill-banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fi totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifhmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta` reciproka li l-partijiet jaghtu w iweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qieghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punt iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-Gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfat dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu <u>rizultat</u> ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication*

*since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed.”* (***Pompedda*** 7 ta’ Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar ‘il fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista’ ssir permezz ta’ dikjarazzjonijiet f’dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe’ ghaz-zwieg.

Illi l-attur jallega wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *“vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”*.

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*“la piena avvertenza e il deliberato consenso ... La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una*

*conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (***Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "… … se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (****Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi fl-ahhar l-attur jirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** u jghid li l-kunsens tal-konvenuta kien hekk vizjat. Intant l-istess artikolu jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg:-

***(h)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti nterdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

*Illi* **John R. Keating***, fil-ktieb tieghu* ***"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"*** *f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-*

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

## (II) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Frar 1985 meta l-attur kellu 35 sena u l-konvenuta kellha 28 sena u dan civilment; jirrizulta li l-attur kien gja mizzewweg lil mara ohra, qabel ma’ ltaqa’ mal-konvenuta, izda xorta wahda huwa kellu relazzjoni maghha’ u fil-fatt kellhom tlett itfal u ghexu flimkien ghal cirka hdax-il sena w izzewgu wara dan iz-zmien peress li qabel l-attur ma’ setghax jizzewweg ghaliex kien ghadu ma ottjeniex l-annullament mill-ewwel zwieg tieghu.

Illi kif tghid sewwa l-brava Perit Legali l-attur jikkontendi li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** izda mix-xhieda prodotta dan assulutament ma jirrizultax li huwa l-kaz – fil-fatt mix-xhieda ta’ l-istess konvenuta jirrizulta li hija fehmet sew l-elementi essenzjali taz-zwieg u kienet taf sew l-obbligi li hija kellha tassumi ghall-istess – tant li jidher li hija ddedikat hajjietha kemm ghall-gid ta’ zewgha u wkoll ta’ uliedha. Kif kellha l-opportunita’ hija rregolarozzat il-posizzjoni taghha legalment billi zzewget lill-attur. In verita’ jidher car li anke l-attur stess kellu d-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghti l-kunsens tieghu validament ghal dan iz-zwieg u fil-fatt hekk sar u ma hemm l-ebda prova tal-kuntrarju.

Illi minn naha l-ohra l-attur jghid li l-kunsens tieghu stess kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.** Jinghad li llum il-gurnata l-istess attur ghandu relazzjoni ma’ mara ohra u jghix maghha u jidher li jixtieq jizzewwigha.

Illi hawn huwa mportanti jinghad li anke kieku l-partijiet ikunu qed jaqblu li hemm kaz ta’ annulament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta’ annulament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm presunzjoni legali wkoll favur il-validita’ taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta’ ordni pubbliku.

Illi dan ukoll ghaliex jista’ jkun li tali dikjarazzjoni ta’ annulament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet,

specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma’ tkunx aktar possibbli, u wkoll meta parti jew ohra tkun qed tghix ma’ persuna, izda f’kazi bhal dawn il-Qorti ma’ tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi u f’dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak li intqal f’dan ir-rigward fid-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia”** tat-28 ta’ Gunju 1987 u fil-fatt qed issir referenza ghall-istess.

Illi l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta’ fatti esposti tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta’ annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabiliti mil-ligi u f’dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Christine Ellul vs Brian Ellul”** (Citaz. Numru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament taz-zwieg; ta’ l-ewwel jirreferu ghal zwieg vaildu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta’ konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta’ annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta’ kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura rrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett. Dwar il-grad ta’ prova necessarja din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **“Mari Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri”** (A.C. 14 ta’ Dicembru 1994).

Illi kkunsidrat dan kollu u wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta nkuz dik tal-attur, thoss li gie ppruvat li l-istess attur bla dubju ta’ xejn kien attirat lejn l-konvenuta mill-mument li ltaqa’ maghha u minkejja li kien mizzewweg xorta beda’ relazzjoni mal-konvenuta, u wkoll ghex maghha ghal diversi snin, u rabba familja ta’ tlett itfal; f’dan iz-zwieg kien hemm id-diffikultajiet li jkun hemm f’kull zwieg, izda xorta wahda l-attur ghazel li wara cirka hdax-il sena jizzewweg lill-konvenuta, hekk kif gie

informat li kien inghata l-annullament ghall-ewwel zwieg tieghu; minkejja dak li jghid fl-affidavit tieghu fis-sens li din kienet decizjoni awtomatika, jirrizulta li huwa ried jirregolarozza l-posizzjoni tieghu, konxju tal-fatt li f'ghajnejn il-ligi, huwa litteralment ghex bhal ragel tal-familja mal-konvenuta, ghalkemm dan ma eskudhiex xi zbalji mat-triq. Li huwa cert huwa li fil-mument li l-istess attur ta l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg mal-konvenuta, huwa bl-ebda mod ma eskluda xi element essenzjali ta' l-istess – certament ma' eskludhiex l-elementi ta' konvivenzja u fedelta' lejn martu; ma hemm l-ebda prova ta' dan lanqas mill-affidavit stess tieghu – jidher car li dak li gara u waslu sabiex jiftah din il-kawza gara wara, u dan meta beda' relazzjoni ma' mara ohra – raguni li tista' taghti bazi ghall-separazzjoni, izda certament mhux ta' annullament taz-zwieg. Jekk wiehed ihares lejn il-provi mressqa mill-konvenuta jidher car li l-allegazzjonijiet jew ahjar il-pretenzjonijiet ta' l-istess attur f'dan ir-rigward huma kollha kontradetti, u b'hekk din il-Qorti ma' tistax hlief tghid li l-attur bl-ebda mod ma irnexxielhu jipprova dak allegat minnu f'dan il-kuntest, anzi l-provi prodotti juri mod iehor u cjoe' li l-kunsens moghti minnu kien validament moghti.

Illi ghalhekk anke f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali a fol. 99 tal-process fejn jidher li l-partijiet mill-ewwel kellhom l-intenzjoni li kif ikunu jistghu legalment jizzewgu u fil-fatt hekk sar ma' l-ewwel opportunita' – l-attur jghid fil-fatt li kien ihobb lill-konvenuta u ma' hemm l-ebda dubju li din kienet il-posizzjoni sad-data taz-zwieg.  Ma hemm l-ebda prova li l-istess attur eskluda l-element ta' fedelta' miz-zwieg – anzi l-prova hija li l-attur wara kellu relazzjoni ma' terza persuna u ovvjament ried jipprocedi b'din il-kawza ghaliex hekk jahseb li huwa konvenjenti ghalih. Izda din il-Qorti thoss li dan mhux il-mod  li ghandha titmexxa quddiem kawza ta' annulament taz-zwieg, u certament din ma tistax tirnexxi kif proposta u inqas u inqas abbazi tal-provi prodotti -  tant li tali provi bl-ebda  mod ma jista' jinghad li jikkoroboraw l-allegazzjoni attrici –anzi din il-Qorti hija moralment konvinta mill-validita' ta' l-istess zwieg.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** ftit hemm wiehed xi jghid hlief li gie kwotat barra mill-kuntest tal-azzjoni attrici u ma ghandu l-ebda relevanza ghall-provi prodotti.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------